KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

---

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IS-SEBGĦA (7) LEĠISLATURA

*Laqgħa Numru Disgha u Sittin (69)*

*It-Tnejn, 8 ta' Mejju, 2017*

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREZENTI:**

IS-SINDKU DARREN ABELA
Il-VICI SINDKU EMANUEL VASSALLO
IL-KUNSILLIERA ROSE AGIUS
IL-KUNSILLIER KEITH FENECH (skuzat)
IL-KUNSILLIERA MARIANNE SCHEMBRI (skuzata)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Marianne Schembri
Keith Fenech

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

SEGRETARJU EZEKUTTIV - FIONA SAID

**<u>MINUTI</u>**

Is-Sindku Darren Abela, ippresjeda l-laqgħa.

***Il-Laqgħa tal-Kunsill bdiet fis-6.15pm***

## **<u>69.1 Qari tal-ittri ta' apologiji</u>**

69.1.1 Tressqet ittra minghand il-Kunsilliera Miriam Schembri fejn infurmat li ma tistax tattendi minhabba ragunijiet ta' safar

69.1.2 Il-Kunsill approva unanimament l-ittra ta' apologija minghand il-Kunsilliera Miriam Schembri.

69.1.3 Il-Kunsillier Keith Fenech ukoll informa li ma jistax jattendi minhabba ragunijiet ta' sahha. Il-Kunsill approva unanimament din l-apologija.

## **<u>69.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;</u>**

69.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 68 li nzammet nhar it-Tlieta 4 ta' April 2017.

69.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 68 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

69.2.3 Is-Sindku Darren Abela ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 68. Il-Minuti tal-Laqgha Numru 68 gew approvati unanimament.

## **<u>69.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti</u>**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 69/2017 – April sa Mejju 2017***

69.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 69-2017 biċ-ċekkijiet numru 5606 sa 5639 li tammonta €36,557.63

69.3.2 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li minhabba l-ammont ta' xoghol biex jigi ppublikat it-tender tal-materjal tal-Bankini ta' Triq Santa Marija, gie mqabbad persuna li ha hsieb il-pubblikazzjoni fuq l-EPPS kif ukoll l-evalwazzjoni tal-istess tender. Il-Kunsill qabel.

69.3.3 Għaldaqstant is-Sindku Darren Abela ressaq il-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-ammont ta' €36,557.63
Proponent: il-Kunsilliera Rose Agius

Sekondant: il-Vici Sindku Emanuel Vassallo

69.3.4 Wara mozzjoni imressqa mis-Sindku Darren Abela, l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 69-2017 ġiet approvata unanimament.

**69.4 <u>Attendenza f'Laqghat Relatati mal-Kunsill</u>**

69.4.1 Rose laqgha tal-PA rigward il-progett ta' Has Saptan. Tkellmu dwar il-pjanti u dwar is-sigar li se jitnehhew. Tkellmu dwar il-pannelli li kienu se jitwahhlu izda li dawn ma gewx accettati mill-Airmalta. Rigward il-laqgha li jmiss is-Sindku qal li jekk ikun jista jattendi, jekk le tmur Rose.

69.4.2 Il-Kunsilliera Rose Agius infurmat li attendiet il-Prize Day tal-iskola fejn qalet li gew prezentati kotba.

**69.5 <u>Rendikont Attivita' *Cheese and Wine Festival*</u>**

69.5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv fethet id-diskussjoni dwar din il-materja, fejn tat spjegazzjoni tal-ispejjez li ntnefqu fl-attivita' tac-*Cheese and Wine* ta' din is-sena fejn inzamm il-budget ta' €4000.

69.5.2 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat ukoll li ma nstabux 6 strippi mill-istalls tal-injam li nkrew kif ukoll kien hemm tliet sigijiet tal-injam nieqsa. Il-Kunsill qabel li minhabba li ghal din is-sena ihallashom il-Kunsill, izda is-sena d-diehla isir kollox bil-miktub u l-ghaqdiet li juzawhom jinzammu responsabbli taghhom.

69.5.3 Minhabba li l-kunsillier li ha hsieb l-organizzazzjoni tal-attivita' jinsab indispost, is-Sindku Darren Abela ippropona li din il-materja terga' tkun fl-Agenda tal-laqgha li jmiss.

**69.5 <u>Korrispondenza</u>**

69.6.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex jitpogga crane fi Triq il-Wilga ghall-perjodu ta' sitt xhur. Wara diskussjoni mal-applikant, intlahaq qbil li jithalla access ta' zewg metri. Minhabba l-ispiza tal-permess, l-applikant sahaq li se jara ekk il-crane jistax jitpogga fil-propjeta tieghu u jaghti risposta l-Kunsill dwar dan.

69.6.2 Is-Segretarju Ezekuttiv tkellmet dwar Stedina ghal Cerimonja tat-Tqassim ta' flus lill-Kunsilli Lokali tal-LESA. Is-Sindku kkonferma li ma jistax jattendi. Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo ikkonferma li se jattendi.

69.6.3 Is-Segretarju Ezekuttiv reqqset kwotazzjoni rigward *desk* u siggu ghall-ufficcju minhabba li qed isir manutenzjoni biex tissolva l-problema tal-umdita'. Il-kwotazzjoni tammonta €712.09 Il-Kunsill approva.

69.6.4 Is-Segretarju Ezekuttiv reqqset korrispondenza minghand l-impjegat tas-CIES Dennis Psaila, fejn qed jitlob li l-*leave* ta' din is-sena (23 gurnata), jigu utilizzati f'Jannar tas-sena d-diehla. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jinghataw izda jintbaghat tabib fejn ikun hemm granet tas-*sick*.

69.6.5 Is-Segretarju Ezekuttiv tkellmet dwar l-incentiv li kien imwieghed lil min jaghmel karru fil-Karnival. Il-Kunsill qabel li jinghata lura l-incentiv sa massimu ta' €100.

69.6.6 Gew diskussi l-korrispondenzi relatati mal-PA:
Rigward PA/3607/16 is-sit ta' Has Saptan, is-Sindku Darren Abela qal li se jattendi. Rigward l-applikazzjoni ta' Giarda kien hemm laqgha fejn gie spjegat li se jsir Gnien f'nofs is-sit. Il-Kunsilliera Rose Agius sostniet li ghandha tibtbaghat pjanta dettaljata bil-progett propost. Rigward l-applikazzjonijiet l-ohra annessi mal-minuti, il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni.

69.6.7 Is-Segretarju Ezekuttiv tkellmet dwar invoice li l-Kunsill ircieva minghand WM Environmental Ltd. dwar servizz ta' knis fix-xahar ta' April 2017. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil Kunsill li ma inghatatx risposta minghand il-kuntrattur dwar it-talba biex il-haddiem tieghu jaghmel zona wahda biss minhabba li l-maggoranza tal-knis tat-toroq qed issir mill-haddiema tal-Kunsill. Is-Sindku Darren Abela qal li mhux sodisfatt minhabba li peress li l-haddiema qed jikinsu, mhux ilehqu mal-haxix hazin li jitla'. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ix-xoghol tal-knis miexi tajjeb hafna u l-qtugh tal-haxix qed isir mill-haddiema IPSL. Ghaldaqstant f'dan l-istadju l-Kunsill iddecieda li jinhareg it-tender tal-knis ssir laqgha mal-kuntrattur prezenti rigward l-invoice mibghuta.

69.6.8 Is-Sindku Darren Abela ppropona li ssir talba ghal haddiem gdid sabiex jaghmel xoghol ta' supervisor fuq il-haddiema prezenti. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.

69.6.9 Tressqet korrispondenza minghand il-Housing Authority dwar fond li se jinghata ghall-manutenzjoni tal-blokok tal-Gvern. Il-Kunsill qabel li tintbaghat ittra biex naraw min hu nteressat u wara ssir laqgha mal-Housing Authority.

**69.7 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

69.7.1 Is-Sindku Darren Abela gie nfurmat mill-prezentatrici tas-sena l-ohra tal-attivita' tac-Cheese and Wine, fejn infurmatu li baqghet ma thallsitx tas-servizz li tat fl-attivita'. Is-Sindku ppropona li tizdied mal-ammont dovut lill-Kunsill minghand Alfred Chetcuti tat-2minds.

69.7.2 Is-Sindku Darren Abela ressaq proposta sabiex Triq G.Naudi tigi *one way except for unloading for 20min*. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.

69.7.3 Is-Sindku Darren Abela ressaq tabella sabiex titpogga bollard fi Sqaq Santa Marija. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir talba lil TM.

69.7.4 Is-Sindku Darren Abela tkellem dwar id-Dar tal-Bebbux fejn propona li ssir talba biex din id-dar tinbiegh lil Gvern bhala wirt patrimonju nazzjonali bil-ghan li tintuza bhala ufficini tal-Kunsill.

**69.8 Komunikazzjonijiet mill-Kunsilliera**

69.8.1 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li hemm reserved parking fi Pjazza San Filippu li m'ghadhiex tintuza. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegbet li se tibghat lil TM biex tikkonferma.

**69.9 Tmiem tal-Laqgha u l-Aggornament tal-Laqgha li jmiss**

69.9.1 Il-laqgha tal-Kunsill li jmiss giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 13 ta' Gunju 2017 fil-5.30pm

Il-Laqgha ntemmet fit-8:15pm

| | |
|---|---|
| _______________________ | _______________________ |
| Fiona Said | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |